# Animazzjoni -Il-Ħames Ħadd tar-Randan (Sena Ċ)

## Dħul:

"Erġgħu duru lejja bi qlubkom kollha, jgħid il-Mulej, għax jien twajjeb u ħanin." Din hija l-istedina ta' dan il-Ħames Ħadd tar-Randan: li nirrikorru dejjem għand il-Mulej.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

## Qari:

Fil-Liturġija tal-Kelma ta' dan il-Ħadd, jispikka l-aspett ta' ħidma favur ħajja ġdida. Ġesù, lill-adultera ma jikkundahiex iżda jgħidilha biex tmur u ma tidnibx iżjed. Dan jidher ukoll fl-ewwel komunitajiet Insara fejn San Pawl jgħidilhom li meta wieħed jitlef kollox u jingħaqad mal-Mulej, jirbaħ il-glorja tas-sema.
Nisimgħu il-Kelma ta' Alla.

**Salm Responsorjali:** Kbir f'għemilu l-Mulej magħna!

## Offertorju:

"Huma u sejrin, imorru jibku, iġorru ż-żerriegħa għaż-żrigħ. Iżda huma u ġejjin lura, jiġu b'għana ta' ferħ iġorru l-qatet f'idejhom." Ejjew inroddu ħajr lil Alla għal dak li hu jagħtina kontinwament, b'mod speċjali l-imħabba kbira li HU għandu għalina.
Ejjew inressqu l-offerti tagħna f'riġlejn l-artal, filwaqt li nkantaw flimkien.

## Tqarbin

Il-Mulej hu l-għajn ta' kull tjieba. Ejjew f'dan il-mument nersqu biex induqu minn dan il-ħobż li jagħti l-ħajja.
Nersqu biex nirċievu lil Alla ħaj, filwaqt li nkantaw flimkien.